## EŻAMI ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2001

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba` Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a:
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.
3. Se tingħata ħafna importanza għall-Ortografija. Ortografija ħażina ttelliflek ħafna marki.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F1(a) | F1(b) | F2 | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 11 | 20 | 3 | 8 | 7 | 11 | 10 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

Il-Malti bħal kull ilsien ieħor jingħażel (1) f'ilsien mitkellem u (2) f'ilsien miktub. Il-Malti mitkellem hu dak il-kliem li ngħiduh bejnietna meta rridu nfissru ruħna fil-ħajja ta' kull jum, u għalhekk il-Malti mitkellem hu tat-triqat, tal-ħwienet, tas-swieq, tax-xtut, tas-snajja', jiġifieri hu dak il-Malti li kulħadd jitħaddet skond ix-xogħol tiegħu. Il-Malti mitkellem qisu għalhekk il-*Colloquial English* ta' l-Ingliżi. Issa kull studjuż tal-lingwa jaf illi meta lingwa tinkiteb toqgħod għal reguli ta' kliem u stil li wieħed ma jħabbatx rasu bihom meta jitkellem. Fl-ilsien miktub dejjem tidħol daqsxejn tas-sengħa li ma titwelidx miegħek bla taħbit, imma titgħallimha bil-qari ta' l-aħjar kittieba. Hekk fl-Italja, in-nies bejniethom ma jitkellmux bħalma jikteb Pirandello, Croce u Panzacchi, u l-anqas l-*Osservatore Romano*, li hu ġurnal, mhu miktub kif inhu mitkellem it-Taljan ġol-ħwienet. U l-istess ngħidu għall-Ingliż u ilsna oħra. Għalhekk ta' min imaqdar dawk il-Maltin, ġurnalisti u kittieba oħra li jidhrilhom li jistgħu jiktbu l-Malti mingħajr ma jistudjawh, jekk ukoll minn fuq ma jagħmlulux gwerra biex jgħattu biha l-injoranza tagħhom. *(par. 1)*

Waqt li l-ilsien mitkellem hu għeri mix-xejxi u t-tiżjin żejjed, l-ilsien miktub hu aktar mibni, u maħsub skond il-livell u x-xejra tal-ħsieb li jrid ifisser il-kittieb, jiġifieri skond jekk il-kittieb hux qed jikteb artiklu għal ġurnal jew inkella biċċa xogħol letterarja. Hekk kif il-mużiċista joħroġ daqq sabiħ u ħelu mit-tlaqqigħ ta' armoniji ma' xulxin, hekk kif l-iskultur, bl-id tas-sengħa, joħroġ statwa mill-isbaħ minn biċċa rħama, hekk ukoll il-kittieb tajjeb jista' joħroġ opra letterarja mit-tlaqqigħ flimkien tal-għidut li fih l-ilsien mitkellem. L-ilsien letterarju mhux ħlief l-ilsien mitkellem imqiegħed għar-reguli tas-sengħa tal-kitba li tissejjaħ *Stilistika* jonkella *Rettoria*, jew, kif kienu jgħidu l-Latin, *Ars Dicendi*. *(par. 2)*

Għalkemm l-ilsien letterarju hu mibni fuq l-ilsien mitkellem naraw li l-kittieb ħafna drabi għal xi raġuni jew oħra ma jikkuntentax ruħu b'dak il-kliem li jinsab fl-ilsien mitkellem biss għax jidhirlu li bih biss ma jistax ifisser ruħu biżżejjed, jonkella jilħaq l-għoli ta' ħsebijietu. Għalhekk tara kittieba bħat-Taljan Papini u l-Ingliż H. G. Wells imbarra oħrajn, isawrulek kliem ġdid. Dal-kliem ġdid insejħulu *Neoloġiżmi*, kelma mibnija mill-Grieg *neos* (ġdid) u *logos* (kelma). Fil-Malti mhux sewwa toħloq kelma bla bżonn, imma jekk ikun hemm għalfejn, il-Malti jikber mhux billi tivvinta kliem ġdid, imma billi (1) toħroġ suriet ta' kliem minn għeruq li ġa jinsabu fih, jonkella (2) billi ddaħħal kliem ġdid mill-ilsien fejn inħoloq wara li tkun qegħidtu għall-widna u l-ħoss Maltin. Eżempji ta' kliem bħal dawn jinsabu fit-traduzzjoni tal-Bibbja ta' P.P. Sajdon, ħafna minnhom miġbura fit-"Tifsir il-Kliem tal-Pentatewku" (1931). Hekk fl-Eżodu (25.15.30) niltaqgħu mal-kliem *lwieħ tal-liġi*, jiġifieri twavel li kienu minquxin fuqhom il-kliem tal-liġi. Fil-Levitiku (25.11.15) niltaqgħu ma' *lagħna* (saħta) mill-għeruq L-GĦ-N, i.e. *seħet* (qabbel Malti, *milgħun* misħut, xitan). Mod ieħor kif fl-ilsien miktub jiżdied il-kliem tal-lingwa, meta hekk jaqbel għall-istil tal-kittieb, hu t-tqajjim bil-ħlewwa u l-għaqal kollu ta' xi kliem qadim bħal *sebt* (ħatar tar-ragħajja, ħatar tal-ħakma, xettru – *Caruana*, (Num. 21, 18, 24, 17 Saydon) *fqadu* (wieħed li għandu jagħti daqqa t'għajn, jgħasses u jieħu ħsieb oħrajn – Caruana, *Dewter*, 20, 5. 8. 9 Saydon). *(par. 3)*

(Minn kitba ta' Ġużè Aquilina: *L-ILSIEN MALTI (1969)* )

**A. FEHIM IT-TEST** ***(11-il marka)***

1. Fisser, fi *kliemek*, "Malti mitkellem". (par. 1)

________________________________________

________________________________________

___________________________________ (2 marki)

2. Għal xiex irridu noqogħdu attenti meta niktbuha l-lingwa? (par. 1)

_______________________________________________ (marka)

3. Biex tikteb il-lingwa sew teħtieġ is-sengħa. Kif se ġġibha? (par. 1)

_______________________________________________ (marka)

4. Lil min imaqdar il-kittieb, u għaliex? (par. 1)

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

5. Il-kittieb jitkellem fuq l-ilsien miktub u l-ilsien letterarju. Fissirhom. (par. 2)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. Ma' min hu mqabbel kittieb tajjeb? (par. 2)

_______________________________________________ (marka)

7. X'jagħmel ħafna drabi l-kittieb meta jara li ma jistax ifisser ruħu kif irid? (par. 3)

_______________________________________________ (marka)

8. Għid, *fi kliemek*, kif il-Malti bħala lsien għandu jikber. (par. 3)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** ***(20 marka)***

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Oħroġ forma oħra kif mitlub mill-istess għerq ta' dawn il-verbi:

| | |
|---|---|
| i. toqgħod (par. 1) : (6) | ii. imaqdar (par. 1) : (2) |
| iii. mibni (par. 2) : (7) | iv. tlaqqigħ (par. 2) : (8) |
| v. sabiħ (par. 2) : (5) | vi. qadim (par. 3) : (9) |

(3 marki)

2. Sib mill-Ewwel paragrafu:

| | |
|---|---|
| i. Nom Verbali fil-Plural | ii. Parteċipju Passiv |
| iii. Verb fis-Sitt (6) forma | iv. Plural Sħiħ |
| v. Plural Miksur bl-għerq s-n-għ | vi. Verb Irregolari |

(3 marki)

3. Oħroġ kelma oħra kif mitlub/a fit-tielet kolonna:

| | | |
|---|---|---|
| i. ma titwelidx (par. 1) | | pożittiv |
| ii. kliem (par. 1) | | Diminuttiv Singular |
| iii. imqiegħed (par. 2) | | Parteċipju Passiv Plural |
| iv. tiżjin (par. 2) | | Aġġettiv fil-femminil |
| v. qegħidtu (par. 3) | | Verb fit-3[et] Persuna Plural Perfett |
| vi. widna (par. 3) | | il-widna tagħha |

(3 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

4. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem li ġej skond kif użat fis-silta:

| | |
|---|---|
| i. isawrulek (par. 3) | |
| ii. swiet (par. 3) | |
| iii. minquxin (par. 3) | |
| iv. opra (par. 2) | |

(2 marki)

5. Oħroġ tifsira differenti minn kif użata fis-silta għall-kliem li ġej:

| | |
|---|---|
| i. opra (par. 2) | |
| ii. mibni (par. 2) | |

(2 marki)

6. Fisser *fi kliemek* l-espressjoni "hu għeri mix-xejxi u t-tiżjin żejjed". (par. 2)

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

7. Għal min qiegħed jirreferi l-Pronom Mehmuż "lu" fil-kelma "jidhir<u>lu</u>" (par. 3)?

______________________________________________________ (marka)

8. Liema parti mill-kelma "ħwienet" (par. 1) turina li l-kelma hija fil-Plural Miksur?

______________________________________________________ (marka)

9. "Jaf" (par. 1) turi:

i. dubju ☐

ii. ċertezza ☐

iii. ċertezza, iżda mhux għal kollox ☐

(marka)

10. "Ma jħabbatx" (par. 1). Ix-x fil-kelma "jħabbatx" tissejjaħ 'is-____________________

tan-________________. (marka)

11. "hux" (par. 2) hija

i. pronom mehmuż biż-żieda tan-negattiv ☐

ii. verb biż-żieda tan-negattiv ☐

iii. pronom personali biż-żieda tan-negattiv ☐

(marka)

**SINTASSI**

Kompli din is-sentenza billi tħalli l-istess tifsira:

12a. Fl-ilsien miktub dejjem tidħol daqsxejn tas-sengħa li ma titwelidx miegħek bla taħbit, imma titgħallimha bil-qari ta' l-aħjar kittieba. (par. 1)

12b. Il-qari tax-xogħlijiet ta' l-aħjar kittieba jgħinek issaħħaħ ________________________

____________________________________________________________ (marka)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** ***(3 marki)***

**IDJOMI U QWIEL**

Agħżel *WAĦDA:*

1. Il-ħajja tagħna hija marbuta ħafna ma' l-Elementi. Fost dawn ta' min isemmi l-BAĦAR. Islet żewġ idjomi b'rabta mal-baħar, u fisser wieħed minnhom.

i. ____________________________________________________________

ii. ____________________________________________________________

Tifsira ta' ☐ (imla skond il-ħtieġa):

____________________________________________________________

____________________________________________________________

2. Qawl Malti jgħid, "Aħjar is-Saħħa mill-flus". U dan huwa tassew minnu. Sib żewġt iqwiel fuq is-saħħa li għandhom rabta u relevanza qawwija għal ħajjitna, u fisser wieħed minnhom.

i. ____________________________________________________________

ii. ____________________________________________________________

Tifsira ta' ☐ (imla skond il-ħtieġa):

____________________________________________________________

____________________________________________________________

(3 marki)

| D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | *(8 marki)* |
|---|---|

Agħżel *WAĦDA BISS* minn dawn u ikteb madwar 90 – 100 kelma fl-ispazju pprovdut.

1. Inti s-segretarju/a tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi. Diġa ktibt ittra, f'isem il-Kunsill, lid-Dipartiment tat-toroq tal-Gvern fuq l-istat ħażin tat-toroq fir-raħal, fejn ilmentajt fuq l-għadd ta' problemi li għandkom u fuq in-nuqqas ta' għajnuna min-naħa ta' l-istess gvern. Ikteb ittra ta' tfakkira. L-indirizz tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi huwa 56, Triq San Stiefnu, Ħal Muxi MXI 10.

2. Stħajjel li inti Ewkarja, omm Ċinzja ("JINQABAD BID-DROGI"). Qed terġa' tfittex lil bintek wara ħafna żmien. Waħħalt ritratti kbar b'wiċċ Ċinzja mal-ħitan ta' kullimkien. Issa mort saħansitra sa għand il-gazzetti. Ikteb l-Artiklu fuq il-każ, bil-problemi kollha ta' Ċinzja, u agħlaq b'appell biex min forsi jagħraf lil Ċinzja, jew jafha, ikun jista' jikkuntattjak. (8 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

| E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI | *(7 marki)* |
|---|---|

Il-Maltin dejjem jagħmlu ħilithom biex jimxu 'l quddiem fil-ħajja tagħhom, kemm għal dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol u divertiment, kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam ma' lingwa, arti u teknoloġija. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal xi aspetti mill-proġett li ħdimt fuqu din is-sena bl-isem ta' "L-Oqsma ta' l-Għerf tal-kultura Maltija". Ikteb fuq karta separata f'madwar 70 kelma.

| F. LETTERATURA | *(31 marka)* |
|---|---|

1. POEŻIJA: "QAWSALLA" – L-AMBJENT NATURALI

(a) Aqra s-silta ta' hawn taħt, meħuda mill-poeżija "Żjara lil Ġesu`" ta' Dun Karm, u wieġeb:

Kienet il-ħabta
li d-dwieli jinżgħu u lis-sid iroddu
l-aħħar għenieqed, u maż-żiffa ħelwa
jtir il-weraq isfar u jitgħajjeb
in-nir tas-sema bil-ħajbur u tibda
l-ewwel newba tax-xita; il-ħin kien riesaq
li l-għasafar jinġabru fuq is-siġar
u jimlew l-ajru bil-għajat minn tagħhom;
jien, kollni waħdi, ftit għajjien mill-kotba,
intfajt għal għonq it-triq bejn raba' u baħar.
- Ħelu kien leħnek dak in-nhar, ja baħar,
u ħiemda l-mewġa li bla ragħwa kienet
tħaxwex ġol-blat! u ħelu kien leħenkom,
ja siġar dejjem imżejnin bil-ħdura,
li kontu magħmulin, meta tarbija
jien kont nixxabbat ma' rkobbtejn ħaddieħor,
biex inżomm fuq riġlejja! – Lejn id-dwejra,
bil-għodda fuq spallejh, xi bidwi xwejjaħ
kien nieżel waħdu, waqt li l-aħħar għanja
ta' xi ragħaj, fil-bogħod kienet tinstama'
ma' l-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna;
u fuq il-baħar abjad kienet tidher
il-leħħa ħamra ta' l-imqadef niedja
ta' xi dgħajsa tas-sajd, sejra mgħobbija
bix-xbiek u n-nases.

i. F'din is-silta naraw li l-poeta qatagħha li jmur jimxi. Liema huwa l-vers li juri dan?

________________________________________ (marka)

ii. Minn vjaġġ fiżiku, jew mixja fiżika, li nsibu f'din is-silta, il-poeta jaqleb għal tip ta' vjaġġ ieħor. X'insejħulu dan il-vjaġġ?

________________________________________ (marka)

iii. Xi ħsieb jiġih u x'sentiment iħoss il-poeta eżatt wara din is-silta fil-poeżija?

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

iv. Din il-poeżija tista' tgħid li hija poeżija romantika? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

v. Ikkummenta fuq l-istil ta' kitba kif tidher f'din is-silta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4 marki)

vi. Fl-aħħar tal-poeżija naraw li l-poeta jħossu bniedem ġdid. Min għenu jitbiddel? U għaliex il-poeta fl-aħħar jgħidilna li f'qalbu tnissel ferħ ġdid?

______________________________________________________________ (marka)

(b) Agħżel *waħda biss*. Wieġeb fuq karta separata. Trid tikteb madwar 100 kelma.

i. Għaliex hija daqstant importanti n-natura għall-poeti Ġorġ Żammit, Rużar Briffa u Anton Buttigieg?

ii. 'Iż-Żabra' ta' Victor Fenech, 'L-Għajn Fil-Misraħ' ta' Joe Friġġieri, 'Il-Moll' ta' Carmel Attard u 'Ħitan tas-Sejjieħ' ta' Marjanu Vella kollha b'xi mod jew ieħor jitkellmu fuq il-qerda tan-Natura. Ikkummenta. (10 marki)

**2. PROŻA/DRAMA**

'L-ISQAQ' ta' Ġużè Chetcuti, u 'SATIRA' ta' Oreste Calleja.
Agħżel *waħda biss*. Wieġeb fuq karta separata. Trid tikteb madwar 100 kelma.

i. Fl-Isqaq insibu mera ta' 'l-imħabba u tal-mibegħda, tar-regħba u tax-xeħħa, tal-faqar u tat-tbatija, tal-ġlied u ta' l-ipokrisija'. Din is-silta hija meħuda minn Kapitlu 16 tar-rumanz 'L-Isqaq'. Uri kemm dan ir-rumanz nistgħu nikklassifikawh fil-ġeneru ta' rumanzi realistiċi. Saħħaħ dak li tgħid b'eżempji mir-rumanz.

ii. L-umoriżmu li nsibu f' "Satira" mhux qiegħed hemm biex idaħħak iżda biex jurina bħal f'mera d-dinja li qed ngħixu fiha. Ikkummenta.

(10 marki)

**Ġ. KOMPONIMENT** ***(20 marka)***

Agħżel wieħed. Ikteb madwar 350 kelma fuq karta separata.

1. "Il-ħajja tal-familja kif tidher fil-films hija artifiċjali". Ikkummenta.
2. Il-Moda.
3. Il-Knejjes Maltin. Sbuħija. Seħer. Kultura.
4. Kieku Malta ma kellhiex baħar.
5. Is-sinċerità fil-ħajja hija kollox.
6. Il-logħob ta' l-azzard.
7. Malta fix-xitwa u fis-sajf.